MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

28 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Remigio Bartolo – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni ta' Dr. Martin Musumeci li wasal ftit tard.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittra t'apoloġija tas-Sur Remigio Bartolo u li Dr. Martin Musumeci kellu jasal ftit tard.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 17 ġew approvati.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 *Uffiċini ġodda*

Is-Sur Cordina qal li l-uffiċini jinsabu skont kif suppost fejn tidħol aċċessibilità wara li saru xogħolijiet kollha meħtieġa u fadal biss li jsir is-*sanctioning* tal-lift. Is-Sur Ralph Cassar saqsa meta se jkun jista' jiġi l-*front office* fl-uffiċini l-ġodda filwaqt li talab rendikont fuq is-sitwazzjoni ta' barra l-uffiċini. Is-Sur Cordina qal li kif joħroġ il-permess tas-CRPD ikun jista' jiġi kulħadd fil-ġdid. Qal li rigward is-sitwazzjoni tal-imwejjed, siġġijiet u umbrellel tal-Bar Attard Foortball Club li jinsabu barra l-Kunsill intbagħtet e-mail oħra biex issir jiltaqgħu u jiddiskutu imma s'issa għad ma kellux risposta għall-ebda korrispondenza.

18.3.2 *Ittra Legali Simon u Stefania Vella*

Is-Sur Cordina qara l-ittra legali annessa hawn taħt u ta' risposta fost l-oħrajn fuq it-tindif ta' waqt il-festa, li bħalha raħal qal li Ħ'Attard mhu xejn inqas minn ħaddieħor. Hemm skeda ta' tindif li tinżamm u l-qalba titnaddaf fuq bażi regolari barra li hemm għajnuna wkoll mill-Gvern Ċentrali. Hu qal li l-karti normalment jibqa' ħiereġ ftit wara u dan minnu għax jeħlu maċ-ċnut u meta jqum ir-riħ jibqgħu ħerġin.
Dr. Musumeci daħal f'dan il-waqt 5.41pm

Qal li l-għeluq tat-toroq ma jsirx kapriċċ u l-unika għeluq li jsir hu fuq ġranet bħal meta jkun hemm il-kunċert, lejliet il-festa u meta kien hemm 300 ruħ għall-attività tad-domma ta' Santa Marija.

Kompla jgħid li rigward l-għeluq ta' toroq fi ġranet oħra, permessi dejjem saru u ma jistax joqgħod imur jiċċekkjahom bil-lejl jew kmieni filgħodu. Dr. Caruana saqsiet jekk qatt sarux ilmenti miegħu. Is-Sur Cordina qal li qatt ma rċieva telefonati hu personali. Dr. Caruana saqsiet eżatt hi x'inhi tbati għax hi ma tifhimx eżatt x'konsegwenzi qed tbati. Toroq magħluqin, kulħadd xorta jasal bil-mixi għall-ħanut tagħha, tindif isir regolari.

Is-Sur Alex Mangion qal li l-konjugi Vella dejjem ilmentaw fuq in-nuqqas t'attività. Issa, kompla jgħid ma jistax jifhem għala qed jilmentaw meta r-raħal jieħu l-ħajja waqt il-jiem tal-festa. Dr. Caruana ssuġġeriet li jiltaqa' magħhom fil-preżenza tal-Avukati imma s-Sur Cordina rribatta li ma jixtieqx minħabba trawma li għadda mas-Sinjuri Vella fil-passat, speċjalment fil-kwistjoni tan-negozjanti meta talbu *totems* u attendew tlieta biss. Temm li saritlu l-ħsara imma ġo qalbu ma jżommx.

Is-Sur Cordina qal li se jiltaqa' mal-Avukat u jimxi minn hemm.

8. law

2 ta' Ottubru 2025

Is-Sur Stefan Cordina
Sindku
Kunsill Lokali Attard
Ġnien l-Istazzjon
Triq il-Ġonna
Attard

Għażiż Sindku,

Nikteb f'isem Simon u Stefania konjuġi Vella, eżerċjenti n-negozju bl-isem Stefania's fi Triq il-Kbira, Ħ'Attard u nagħmel riferenza għall-konversazzoni li kellna ftit tal-jiem ilu.

L-affarijiet li minnhom qegħdin jilmentaw is-Sinjuri Vella jirrigwardaw l-impatt fuq ir-residenti (u b'residenti qed nifhem anke min jiġġestixxi negozji) ta' ċertu permessi u deċiżjonijiet li jittieħdu dwar attivitajiet li jsiru fil-qalba tar-raħal, kemm matul is-sena kif ukoll matul il-festa.

Il-klijenti tiegħi jidhrilhom li jkun fl-aħjar interess tal-komunita' Saraċina li:

- Meta jingħataw permessi jsir infurzar fuq it-tindif ta' zoni pubbliċi li jkunu impattati
- Il-Kunsill Lokali għandu jorganizza għeluq ta' toroq b'mod ħolistiku waqt li jkun assikurat aċċess alternattiv għall-qalba tar-raħal. Ma jistax ikun li *x* jagħaq it-triq illum u *y* l-għada meta dawn jistgħu jaħdmu flimkien. Se mai għandu jkun hemm skeda ta' meta jistgħu jingħalqu t-toroq bħal ma hemm f'lokalitajiet oħra
- Permessi mgħandhomx jinħarġu għal ġranet sħaħ iżda jistgħu faċilment jkunu marbutin b'ħin waqt li l-Kunsill għandu jara li l-kundizzjonijiet jiġu osservati
- Il-Kunsill Lokali mgħandux joħroġ permessi lil min jikser il-kundizzjonijiet bl-addoċċ.

Is-Sinjuri Vella jifhmu u japprezzaw li l-attivitajiet li jsiru għandhom ikunu sostnuti madankollu jidhrilhom li dan mgħandux ikun a detriment tar-residenti b'mod li jkun hemm rispett reċiproku. F'dan is-sens qed nibgħatlek ittra li għadni kemm bgħatt lill-Każin tal-Banda.

Napprezza jekk da parti tagħkom taraw li biex isiru attivitajiet ta' terzi ma jbatux nies bħall-klijenti tiegħi li mgħandhomx x'jaqsmu ma' tali attivitajiet.

Tifhem li jekk is-sitwazzjoni se tibqa' kif inhi, se jkolli nidderiġihom mod ieħor.

Inselli għalik,

John Bonello

c.c. klijenti

8POINT LAW
19/9, Vincenti Buildings,
Strait Street, Valletta
VLT 1432, Malta.

E: info@8pointlaw.com
T: +356 2122 7237

WWW.8POINTLAW.COM

18.3.3 *Ħatra ta' Kumitat Finanżjarju*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li l-FSI hu *below the 10%* irid jinħatar Kumitat Finanzjarju biex japprova ċ-ċedola ta' pagamenti.

Hi qalet li l-iskop hu li jkun hemm iktar kontroll u din għandha tiġi inizjalata mill-*Accountant* u membru ieħor tal-Kunsill.

Is-Sur Cordina ippropona li dan ikun is-Sur Alex Mangion.

Kulħadd qabel.

18.3.4 *Vjal Kulħadd*

Is-Sur Cordina qal li saret laqgħa fl-uffiċini tal-Kunsill, bejn Infrastruttura Malta rappreżentata mill-Perit u r-residenti tal-akwata ta' wara l-Knisja fejn appuntu se jsir il-proġett. Hu qal li x-xogħol inbeda u ta spjega dettaljata tal-pjanta hekk kif ħa jipproċedi u jsir ix-xogħol li ttellgħet apposta biex jiġi spjegat kull dettal. Fost il-punti li ttellgħu kien hemm il-kwistjoni tal-iskips li fi żmien il-festa kien hemm diversi lmenti fuqhom. Din id-diskussjoni ħadet ferm fit-tul minħabba l-pożizzjoni fejn dawn għandhom jitpoġġew. Dr. Caruana qalet li mportanti li dawn jitbattlu spiss. Saru punti fuq is-siġar, it-tined preżenti, passaġġi, kif jinġabar l-ilma tax-xita, bankijiet, t-toqob tal-festa u saret talba wkoll għall-bankijiet ġodda tal-pjazza. Ix-xogħol se jitlesta fi żmien 8 xhur.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

18.4.1 John Bonnici

- Saqsa fuq biċċa *centre strip* li tinsab maħmuġa. Is-Sur Cordina qal li ntbagħtet ittra biex jaraw ta' min hi u jekk taqax taħt ir-responsabbiltà ta' GEB LTD.
- Talab biex tinżabar siġra li qed tgħatti traffic light fi Triq Ħaż-Żebbuġ

18.4.2 Nicole Portelli

- Qalet li talbuha biex isiru l-*parking bays* f'Daħlet l-Oleandri minħabba anki li qed jipparkjaw karozzi *Y plates*. Hu qal li hemm konsultazzjoni ġa saret u ġiet rifjutata u din id-darba jekk jaċċettawhom u jsiru ma jitneħħewx. L-istess residenti talbu wkoll li t-triq issir privata. Din it-talba ma ġietx milqugħa minħabba li ġaladarba nfetħet u saret mill-Gvern din issir pubblika. Dr. Musumeci kkonferma kif qal is-Sindku li l-parkeġġi jonqsu.
- Semmiet l-istorbju ġewwa Ta' Qali u jekk kienx hemm progress. Is-Sur Cordina qal li s'issa ma kienx hemm żvilupp.

18.4.3 Paul Ciantar

- Qal li ħasra li ntilfet siġra sabiħa immens fil-qalba tar-raħal. Is-Sur Cordina qal li kienet sabiħa imma miżrugħa f'art pubblika fejn is-sit x'ħin fettillu qabad u telaq l'hemm u la żabarha iktar xejn. Li hu fatt li l-Kunsill minħabba li kienet tinsab fi triq pubblika żabarha diversi drabi imma kienet tħammeġ wisq.

18.4.4 Dr. Ralph Cassar

- Fakkar fuq il-*Belisha Beacons* fi Triq Victor Vassallo. Dawn jinsabu irrapportati
- Qal li mal-ħajt tal-industrija se ssir liedna ġdida għax li tħawlet ma qabditx u issa li dieħla x-xitwa taqbad iktar.
- Qal li l-attività li saret iċ-Ċentru s-Sibt li għadda rnexxiet u l-organizzatur bagħat jirringrazzja l-Kunsill.

## 18.5 Rapporti

18.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 18.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

18.6.1 ***Twaqqif ta' Kumitat Finanzjarju***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan l-item ġie diskuss u ġie deċiż li l-membri jkunu hi, S-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Sur Roderick Galea *Accountant*.

18.6.2 ***Laqgħa fuq Metodi ta' Sejħa għall-Offerti***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-Tnejn ta' qabel kellha laqgħa fuq metodi ta' sejħa għall-offerti, wara li ħareġ ir-rapport ta' kif sar xiri ta' solar *Belisha Beacons* mingħand B. Grima & Sons fl-2022 u 2023 meta dawn kienu għandhom bil-kuntratt. Waqt din il-laqgħa hi semmiet kif tul is-snin qatt ma nbiddlu t-*thresholds* tat-talba għall-kwotazzjonijiet, il-massimu ta' riċevuta tal-*petty cash,* kif min-mindu l-iskart mar mar-Reġjun tnaqqsu madwar €35,000 kull tliet xhur u l-Kunsill qatt ma ħa r-ruħ. Hi qalet li jidher ċar li €197,000 għall-kuntratti bażiċi u sabiex il-Kunsill jopera sew mhux biżżejjed. Hi iċċarat li mhux biżżejjed biex jopera minħabba x-xogħol estensiv li sar fuq proġetti kapitali, liema fondi kellhom jingħataw biex jitkompla u jintemm il-proġett fosthom tal-istazzjon u li dawn jittieklu mill-allokazzjoni li suppost qegħda għad-*day to day running* tal-lokalità.

Fuq dawn il-punti tal-aħħar id-Dipartiment sejjaħ laqgħa malajr mal-Kunsill sabiex ikun t'għajnuna u jintervjeni fejn hemm bżonn. Hi qalet kif talbet biex ikun hemm fond t'emerġenza f'każijiet meta l-Kunsill jinvesti fi proġetti kapitali tal-massa bħal ma sar.

Is-Sur Cordina qal li l-allokazzjoni tiżdied bi ftit kull sena, imma qatt ħadd ma jgħid kemm żdiedu l-ispejjeż bħal tabelli u affarijiet oħra li saru jiswew sa darbiet iktar.

Is-Segretarju Eźekuttiv qalet li qegħdin tliet xhur b'lura pagamenti barra l-ammont li jrid jingħata lura lir-Reġjun. Is-Sur Cordina qal li kien hemm sitwazzjonijiet qabel fejn sar mas-Lm 60,000 dejn minn xi ħadd biex ma jaqlax il-passat u ħarġu minnha u li issa joħorġu minnha wkoll.

Dr. Caruana qalet li kienet intalbet ukoll għajnuna lid-Dipartiment fuq il-kera żejda li l-Kunsill kellu jħallas u li din għandha tissemma waqt il-laqgħa. Dr. Cassar qal li l-Kunsill dejjem mexa mal-baġit u hekk għadhom mixjin skont ir-rapporti preżentati s'issa.

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

18.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjata minn Dr. Caruana.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.
Proponent: Sur Paul Ciantar Sekondant: Dr. Helen Caruana

L-iskedi ġew approvati.

## 18.8 Mozzjonijiet; u

18.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 18.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għat-26 ta' Novembru 2025 fil-6.30pm

Konfermati illum, 26 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |